# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 9**

**Citaz. numru 147/88 PC (G)**

**Guido J. Vella A. & C.E.**

**vs**

**Dr. Emanuel Cefai LL.D.**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda kontra l-konvenut b'dan l-att ta' citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri b'talba ghall-kundanna ghal hlas ta' drittijiet professjonali :-

> "L-attur, wara li ppremetta illi :
>
> Huwa gie inkarigat bhala Perit mill-Konvenut sabiex jaghmel xoghol professjonali in konnessjoni ma' bini ta' proprjeta' tal-istess konvenut sewwa f'Malta u kemm ukoll f'Ghawdex.
>
> Illi huwa esegwixxa l-inkarigu lilu moghti mill-konvenut u cioe' billi ghamel il-pjanti kollha mehtiega ghal bini kollu jew progettat mitlub mill-konvenut u anke ghamel is-supervizjoni kollha mehtiega fuq ix-xogholijiet kollha li saru fuq l-istess bini.

Illi huwa baghat il-kontijiet ghax-xoghol kollu professjonali li jammonta hamest elef u hames mija u seba' liri Maltin u l-konvenut baqa inadempjenti.

Illi l-konvenut wara li gie interpellat mill-attur b'ittra ufficjali datata 30 ta' Settembru 1998, baqa' ma thallasx.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex :

1. Ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef hames mija u seba' liri Maltin jew ammont iehor verjuri kif stabbilit bil-ligi, ghad-drittijiet professjonali fuq ix-xoghol kollu li ghamel l-istess kummercjali fuq l-istess ammont mitlub.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Ottubru, 1988."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa hekk ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni odjerna hija monka u nulla stante illi mhix akkompanjata bid-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba, a tenur tal-artikolu 156 (2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ;

2. Illi preliminarjament ukoll ic-citazzjoni odjerna hija monka u nulla ghaliex ma fihiex tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, a tenur tal-artikolu 156 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoniu Procedura Civili ;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont mitlub mill-attur hu milqut bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2149 (2) tal-Kodici Civili ;

4. Illi fi kwalunkwe kaz, u dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont mitlub mill-attur hu esagerat u mhux dovut lilu fl-ammont mitlub minnu.

5. Illi inoltre l-lista tax-xhieda annessa mac-citazzjoni mhix ammissibbli skond il-ligi, stante illi fiha l-attur naqas illi jindika l-prova li hu jkun bi hsiebu jaghmel bix-xhieda taghhom, a tenur

> tal-artikolu 156 (3) tal-Kodici ta' Procedura, u kwindi dawn ix-xhieda mhumiex ammissibbli."

**ITER PROCESSWALI**

B'sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru 1989, l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut li appella minnha quddiem din il-Qorti. B'sentenza tal-4 ta' Novembru 1991 din il-Qorti kkonfermat dik is-sentenza preliminari u konsegwentement dawk iz-zewg eccezzjonijiet gew definittivament michuda u ma jiffurmawx parti mill-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti f'din is-sentenza. Sussegwentement l-ewwel Qorti nnominat bhala perit tekniku l-AIC Albert Cauchi b'digriet taghha tat-13 ta' Marzu 1992 bl-inkarigu li jirrelata dwar it-talbiet tal-attur fil-mertu. Il-konvenut appella minn dan id-digriet tan-nomina u din il-Qorti b'sentenza tal-14 ta' Jannar 1993 sostanzjalment ikkonfermat dak id-digriet. Ebda kontestazzjoni fir-rigward ta' dik in-nomina u l-korrettezza taghha ma setghet tigi konsidrata f'dan l-istadju.

**DECIDE**

B'sentenza tal-1 ta' Gunju 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-konvenut – li kienu ghadhom pendenti – laqghet it-talba tal-attur u kkundannatu jhallas is-somma indikata fic-citazzjoni u cioe' s-somma ta' hamest elef hames mija u seba' liri Maltin ghad-drittijiet professjonali dovuti lilu ghal xoghol minnu mwettaq fuq inkarigu

tal-istess konvenut. Bl-ispejjez, apparti dawk gia' decizi mill-Qorti ta' l-Appell, kellhom jithallsu mill-konvenut bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Ottubru 1998 u dana sad-data tal-effettiv pagament.

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Illi apparti l-kwistjoni fuq il-mertu li giet ittrattata mill-perit tekniku fir-rapport tieghu hawn imsemmi, din il-Qorti ghandha qabel xejn tezamina u tiddeciedi wkoll dwar l-eccezzjonijiet l-ohra ta' natura legali li naturalment ma gewx investigati mill-A.I.C. Cauchi. Barra z-zewg eccezzjonijiet preliminari tieghu, li gia' gew michuda definittivament, il-konvenut qajjem ukoll eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni, kif ukoll eccezzjoni ohra dwar l-ammissibblita' tax-xhieda indikati mill-attur fid-dikjarazzjoni tieghu.
>
> L-eccezzjoni imqajjma mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili, li jistipula illi l-azzjonijiet 'inter alia' ta' arkitetti u inginieri civili ghad-drittijit taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu, bhal ma ghandna fil-kaz in ezami, jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn. Il-konvenut, barra illi baqa' qatt ma ta d-deposizzjoni tieghu f'din il-kawza, ma ressaq ebda provi sabiex jissostanzja din l-eccezzjoni. Minn naha l-ohra rrizulta ampjament mix-xhieda moghtija mill-attur u mid-dokumenti dettaljati minnu esebiti, illi l-hlasijiet minnu pretizi ghal servizzi professjonali mwettqa fuq inkarigu tal-konvenut, kienu jirrigwardaw, il-preparazzjoni ta' pjanti, applikazzjonijiet ma' l-awtoritajiet koncernati, sorveljar ta' xoghol u servizzi relattati in konnessjoni mad-diversi progetti ta' bini li kien qieghed jaghmel il-konvenut, fil-parti 'l kbira wahdu, imma f'xi progett partikolari bhal dawk ta' l-Ghasri u ta' l-Gharb flimkien ma' terzi.
>
> Ghalkemm uhud minn dawn il-progetti jirrisalu anke ghall-bidu tas-snin tmenin, l-attur spjega kif hafna minnhom baqghu qatt ma gew konkjuzi, u fil-fatt anke sakemm kien ghadu qed jixhed fil-

mori tas-smieg ta' din il-kawza, huwa kien ghadu jitqies bhala l-perit inkarigat mill-istess progetti, billi fl-ebda stadju ma gie mitlub mill-konvenut sabiex jinforma lill-awtoritajiet koncernati, li m'ghadux il-persuna responsabbli minnhom. Di piu' ghalkemm il-konvenut kien kull tant zmien jaghmillu pagamenti akkont ghas-servizzi professjonali resi minnu, dan ma kienx baqa' jaghmlu u meta l-attur urieh ix-xewqa tieghu illi huwa kien lest jaccetta bicca art bhala 'datio in solutum' ghall-pretensjonijiet tieghu, il-konvenut wiegbu li kien lest jikkonsidra l-proposta u baqa' dejjem iweghdu illi fl-ahhar jirrangaw u li kien ser ipattilu tas-servizzi tieghu.

Dwar il-progetti li l-konvenut kellu bi shab ma' terzi, l-attur spjega illi dawn kienu dejjem jghidulu illi peress li huma kienu nvoluti fil-parti tal-kostruzzjoni tal-progett, il-konvenut kellu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez amministrattivi kollha, inkluzi d-drittijiet tal-perit. Inoltre ghal dawn il-progetti kollha dejjem inkarigah il-konvenut u hu biss kien jaghtih l-ordnijiet dwarhom.

Dan kollu li gie allegat mill-attur fid-deposizzjoni tieghu, apparti illi fil-parti l-kbira tieghu gie sostanzjat bid-diversi dokumenti u pjanti minnu esebiti, li jindikaw l-inkarigu kontinwu u ininterrott li kien inghata mill-konvenut fit-twettieq tad-diversi progetti tieghu, ma gie bl-ebda mod kontradett.

Sinjifikanti f'dan ir-rigward dak li qalet il-Prim'Awla fis-sentenza taghha ta' l-4 ta' Dicembru 1987 fil-kawza fl-ismijiet : "Edgar Causon vs. Abdelsala, A. Sheibani noe." fis-sens illi : "Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le". (Kollez. Vol. LXXI. Pt. II. P. 782). Fil-kaz in ezami l-konvenut baqa' ma ressaq ebda prova dwar dan, u ghall-kuntrarju hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-attur da parti tieghu pprova b'mod konvingenti illi kwalunkwe preskrizzjoni li setghet forsi bdiet tiddekorri dwar x'uhud mill-kontijiet a favur tal-konvenut, giet ampjament interrotta bl-agir ta' l-istess konvenut, illi kien dejjem iwieghed illi fl-ahhar u cioe' meta jigu kompluti dawn il-progetti, haqga li kif gia' gie rilevat, ghada f'uhud minnhom m'avveratx ruhha, huwa kien ser jirranga kollox. Ghalhekk, f'tali cirkostanzi din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tilqa' din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut.

Il-hames eccezzjoni tal-konvenut tikkoncerna l-ammissibilita' tax-xhieda ndikati mill-attur. F'dan ir-rigward huwa jinvoka l-artikolo 156 (3), (illum sub-inciz (4)) tal-Kap. 12 li jistipula illi : "l-attur ghandu wkoll jaghti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi hsiebu jgib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wiehed minnhom x'fatti

u xi prova bi hsiebu jaghmel bix-xhieda taghhom". Jirrizulta minnu illi mil-lista tax-xhieda annessa mad-dikjarazzjoni tal-fatti dwar il-kawza presenti tieghu, illi l-attur kien kemmxejn nieqes minn spjegazzjoni dwar x'ried jipprova bix-xhieda ndikati. Ta' min hawn hekk josserva illi l-forma minnu wzata hija fil-prattika aktarx ir-regola milli l-eccezzjoni, u ftit huma dawk ic-citazzjonijiet fejn verament issib dak formalment rikjest mil-ligi. Ghalkemm fil-kaz in ezami jidher illi decizjoni dwar l-ammissibilita' o meno tax-xhieda indikati mill-attur tkun f'dan l-istadju tal-proceduri ghal kollox superfluwa, u dana peress illi l-istess attur jidher illi rrinunzja ghal kollox ghall-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda, billi anqas biss ittenta jipproduci ebda wiehed minnhom fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, il-Qorti hija tal-fehma illi lanqas din l-eccezzjoni ma tista' tregi. Huwa minnu illi l-attur naqas illi jottempra ruhu mal-forma strettament rikjesta mil-ligi f'dan ir-rigward, imma madankollu, xorta wahda jibqa' l-fatt illi l-istess lista tax-xheda taghti wahedha indikazzjoni cara bizzejjed lill-konvenut dwar dak li l-attur kellu hsieb jipprova bil-produzzjoni tal-persuni ndikati. Konsegwentement il-konvenut ma gie ippregudikat bl-ebda mod u kellu kull opportunita' jindika fil-lista tax-xhieda tieghu, il-persuni kollha li fil-fehma tieghu setghu jirribattu x-xhieda ta' l-attur.

Dwar il-pretensjoni tal-konvenut, maghmula waqt is-seduti peritali, illi l-attur ma seta' jipproduci ebda dokumenti sabiex jissostanzja t-talba tieghu gialadarba kien naqas li jaghmel dan fil-bidu mal-prezentata tac-citazzjoni, il-Qorti thoss illi lanqas din l-interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-4 ta' Novembru 1991 ma hi korretta. Dik is-sentenza mkien ma qalet dak illi qieghed jippretendi l-konvenut. Meta semmiet illi l-konvenut ikollu dritt joggezzjona ghalihom, zgur li ma riditx tfisser dak li qed jippretendi l-konvenut, imma semplicement illi l-istess konvenut ikun jista' joggezzjona ghall-kontenut taghhom u jgib il-provi tieghu sabiex jikkumbatti l-kontijietipprezentati mill-attur. Altrimenti dawn il-proceduri kienu jkunu ghal kollox inutili, jekk l-atturma kienx ser jinghata l-opportunita' li f'xi stadju tal-proceduri jressaq il-provi tieghu dwar il-hlasijiet li kien qed jitlob minghand il-konvenut.

L-eccezzjoni tal-konvenut fuq il-mertu hija semplicement fis-sens illi l-ammont mitlub mill-attur huwa esagerat u mhux dovut fl-ammont mitlub minnu. Fir-rapport peritali tieghu, l-AIC Albert Cauchi, wara li sema' x-xhieda ta' l-attur u ezamina bir-reqqa kolha l-'breakdown' tal-kontijiet kollha pprezentati mill-attur dwar kull servizz imwettaq minnu fuq inkarigu tal-konvenut, in konnessjoni mal-progetti kollha li kien qed jissorveljalu, wasal ghall-konkluzzjoni illi l-kontijiet kif mahduma mill-attur kienu korretti u li l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa dovut. Din il-Qorti

> ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba dawn il-konkluzzjonijiet teknici. Il-konvenut fl-ebda stadju tal-proceduri ma kkontesta mqarr wiehed mill-kontijiet ipprezentati mill-attur, u lanqas wara li kien gie ipprezentat ir-rapport ta' l-espert tekniku ma kkritika b'xi mod dawn il-konkluzjonijiet."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

**OSSERVAZZJONI PRELIMINARI**

F'din il-kawza li ilha ormai pendenti 'il fuq minn tlettax-il sena sejra tigi issa finalment deciza. Hi kawza b'mertu semplici li fiha l-perit arkitett qed jitlob li jigi mhallas tas-servizzi professjonali tieghu ghal diversi inkarigi fuq hafna progetti f'idejh fdati matul bosta snin. Ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni dwar il-kwalita' tas-servizzi prestati jew il-mod kif il-mandat moghti lill-appellat gie minnu ezegwit. Infatti l-unici zewg eccezzjonijiet fil-mertu avanzati mill-appellant u issa taht il-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti huma,

(a) eccezzjoni ta' preskrizzjoni ; u

(b) li l-ammont pretiz kien esagerat.

Zewg eccezzjonijiet li certament setghu facilment gew definiti in kwantu l-preskizzjoni kienet eccezzjoni ta' natura legali li fic-cirkostanzi ma kienitx tipprezenta diffikutaljiet kbar filwaqt illi l-likwidazzjoni tal-quantum f'materja teknika bhal dik taht ezami kellha necessarjament tigi rizolta permezz ta' perizja teknika kif gustament ordnat l-ewwel Qorti. Fil-

verita' fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, l-kontestazzjoni tal-appellant baqghet dejjem vaga u incerta tant illi mill-atti minn imkien ma jirrizulta fejn u kif, fil-fehma tal-appellant, l-ammont reklamat kien eccessiv. Jidher li l-kontestazzjoni kienet aktar fis-sens illi parti mill-ammont kellu jigi addebitat lil terzi li kienu wkoll involuti fil-progetti fdati f'idejn l-appellat. Terzi li pero' ma gew qatt identifikati jew imsejha fil-kawza mill-appellant biex jirrispondu ghat-talbiet attrici.

Fl-ahhar eccezzjoni (il-hames wahda) li din il-Qorti kellha tikkonsidra in kwantu deciza fis-sentenza appellata kienet tirrigwarda l-ammissibbilita' ta' xhieda indikati mill-appellant. Eccezzjoni ta' natura procedurali li maghha l-appellant jorbot l-aggravju tieghu quddiem din il-Qorti illi huwa ma nghatax smiegh xieraq u gust fit-'trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti. In fatti l-aggravju kollu fir-rikors tal-appell li jittanta jerga' jiftah berah il-kawza kollha biex prattikament tibda mill-gdid jista' jigi maqsum f'zewg sommi kapi.

A. Sottomissjoni illi lill-appellant kien gie negat kompletament il-principju bazilari tal-gustizzja tal-audi alteram parte u allura l-process kollu quddiem l-ewwel Qorti kien irritwali ; u

B. Kontestazzjoni dwar ic-cahda mill-ewwel Qorti tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini tal-artikolu 2149 subinciz (c) tal-Kodici Civili.

Hu taht dawn iz-zewg aspetti principali illi din il-Qorti sejra tikkonsidra dan ir-rikors tal-appell. Hemm imbaghad l-aggravji sekondarji li ghalihom din il-Qorti sejra wkoll taccenna.

## A. L-AGGRAVJU PROCEDURALI

F'dan l-aggravju l-appellant jissottometti li kien gie lilu konpletament michud id-dritt illi jipproduci l-provi tieghu quddiem l-ewwel Qorti b'mod li kien gie pregudikat il-jedd tieghu ghal smiegh xieraq u dan kellu jwassal ghal nullita' tal-proceduri quddiem dik il-Qorti. Hu jissottometti illi kien gie mcahhad kemm mill-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll mill-istess Qorti milli jibda jressaq il-provi tieghu. Il-kawza kienet giet intavolata fil-1988 u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti kienu biss dawk tal-attur li sas-seduta tal-25 ta' Jannar 1997 kien ghadu qed isirilu l-kontro-ezami u jressaq il-provi tieghu. "Dakinhar tal-25 ta' Jannar, fl-assenza tal-esponent (l-appellant) li talab li dik is-seduta tithassar, mhux talli dik is-seduta ma thassritx, talli tkompla u inghalaq il-kontro-ezami tal-attur, inghalqu definittivament ix-xhieda ghall-istess attur billi pprezenta numru ta' dokumenti, sar access u l-perit tekniku gie awtorizzat biex wara l-access jirrelata minghajr ma jaghti l-ebda opportunita' lill-konvenut jibda jipproduci l-provi tieghu. Hawnhekk si tratta mhux difett fis-smiegh xieraq ta' wahda mill-partijiet izda cahda totali ta' smiegh ta' wahda mill-partijiet. Lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq akbar minn dik lanqas jista' jkun hemm!" Din is-silta

b'introduzzjoni ghall-ilment tal-appellant li gie malament trattat mill-ewwel Qorti u mcahhad minn kull opportunita' li jipprezenta l-kaz tieghu quddiemha, hi tipika tat-ton apparentament imweggha imma fir-rejalta' arroganti li bih l-appellant jipprova jaghti l-impressjoni li l-ewwel Qorti kienet parzjali fir-rigward tieghu u li ffavoriet indebitament lill-appellat. Impressjoni li aktar l-isfel fir-rikors tal-appell, l-appellant ma stahax jittrasformaha f'imputazzjoni specifika tant li direttament jakkuza lill-ewwel Qorti illi kienet illediet il-jedd fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif enuncjat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-ligi Maltija dwar il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda. Akkuza li finalment isostni b'ricerka ezawrjenti f'nota minnu prezentata tal-kazistika tal-organi gjudizzjarji Ewropej li hi interressanti biex taqra imma illi fic-cirkostanzi hi ghal kollox irrilevanti ghall-kawza tal-appellant. Dan ghaliex ezami anki superficjali tal-process juri minghajr ebda dubbju illi jekk l-appellant ma jressaqx il-provi tieghu, jekk ma pprezentax id-dokumenti in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu u jekk hu stess ma xehedx seta' biss jinkolpa lilu nnifsu ghaliex kien irrifjuta volontarjament illi jutilizza l-hin u s-servizzi mqeghda ghad-disposizzjoni tieghu mill-ewwel Qorti anke permezz tal-perit tekniku biex tul it-tlettax-il sena li baqghet tigi trattata l-kawza jressaq il-kaz tieghu.

Dan hu infatti aggravju ghal kollox frivolu u vessatorju in kwantu l-atti juru b'mod mill-aktar lampanti illi kien l-appellat illi ppretenda illi l-Qorti

kellha tipprocedi bil-kawza skond il-pass minnu impost illi kien hu illi kellu l-jedd li jimponi meta, kif u fejn il-perit tekniku kellu jzomm is-seduti biex jisma' l-provi. Bizzejjed jinghad illi l-appellant kellu l-ardir jenunzja l-massima illi fil-Qorti t'Ghawdex perit gjudizzjarju mahtur mill-Qorti biex jiffacilita t-trattazzjoni tal-kawza u jispedixxi d-determinazjoni taghha kellu, bi tradizzjoni, jaghmel biss zewg seduti jew tlieta f'sena u bizzejjed jinghad illi hu insista illi bejn seduta u ohra kellu jkollu almenu pre-avviz ta' tlett xhur. Bhal dak li qallu l-Qorti tal-Gustizzja kellha tkun ghad-disposizzjoni tieghu u mhux il-kontra.

L-atti huma mizghuda b'incidenti li fihom l-appellant abbuza mill-process gjudizzjarju f'tentattiv biex jintralcja l-kors tal-gustizzja u biex sena wara l-ohra tghaddi minghajr ma l-kawza taghmel xi progress. Bizzejjed jinghad illi r-regoli tal-procedura jintitolaw lill-parti bl-awtorizazzjoni tal-Qorti tipproduci bhala prova dikjarazzjonijiet guramentati taghha u tax-xhieda li riedet tipproduci f'kull stadju tal-process kif effettivament ghamel l-attur appellat. Naturalment l-appellant qatt ma hass dan il-bzonn biex isostni l-eccezzjonijiet tieghu. Jirrizulta wkoll illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju 1994 li saret proprju fl-ufficju tal-avukat tal-appellant izda fl-assenza tal-istess appellant, l-attur iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduci hlief ghall-produzzjoni tal-pjanti tal-progetti minnu ezegwiti.

Minn dakinhar sa meta l-kawza thalliet mill-ewwel Qorti ghas-sentenza u cioe' sal-15 ta' Dicembu 1998 ma sar l-ebda tentattiv da parti tal-

appellant biex jipproduci l-provi f'seduti quddiem il-perit tekniku. Saru biss tentattivi da parti tal-appellant biex ifixkel ix-xoghol tal-istess perit tekniku tant li dan kien kostrett jaghmel anke rikors quddiem l-ewwel Qorti li fih talab li jigi ezonerat mill-inkarigu proprju minhabba l-impossibilita' li jissokta bil-gbir tal-provi minhabba l-atteggjament negattiv tal-appellant. Talba li l-ewwel Qorti gjustament irrifjutat u nsistiet mal-perit tekniku illi jkompli bl-inkarigu tieghu. Fosthom huma l-kummenti tal-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu illi s-seduti minnu ffissati kienu "spiss imfixxkla mill-istess konvenut illi jew m'attendiex jew inkella pprotesta b'mod mhux professjonali" u kkwalifika l-manuvri procedurali inaccettabbli tal-appellant bhala "sempliciment tattici ta' dewmien illi huma prova illi l-konvenut m'ghandux ragun". L-istess perit tekniku deherlu opportun li jirreferi ghal verbal tal-25 ta' Jannar 1997 li kien skond hu illustrattiv biex wiehed "jara l-atitudini tal-konvenut biex itawwal iz-zmien". F'dik is-seduta gie hekk verbalizzat :- "Dr. Carmel Galea (il-konsulent tal-appellant dak iz-zmien) iddikjara li hu rcieva zewg ittri registrati, wahda datata 10 ta' Jannar 1997 u l-ohra 23 ta' Jannar 1997 minghand il-klijent tieghu. Fl-ewwel ittra n-Nutar Cefai talab aktar zmien sabiex jipprepara x-xhieda tieghu u mat-tieni ittra baghtlu certifikat mediku. Dr. Galea ddikjara li l-klijent tieghu ma kkomunika bl-ebda mod iehor mieghu u jippretendi li jispetta lin-Nutar Cefai illi jekk irid jikkonsulta jkellem lill-avukat fl-ufficju tieghu."

Ic-certifikat mediku prodott mill-appellant bhal ohrajn ezebiti fil-process ma huwa xejn konvincenti multo magis meta wiehed iqis li dik is-seduta kienet qed tinzamm wara kwazi sitt xhur minn mindu saret dik precedenti. Sewwa allura ghamel il-perit tekniku illi pproceda bil-gbir tal-provi una volta l-appellant kien denjament rapprezentat. L-ebda sforz ma ghamel l-appellant biex jipproduci l-provi tieghu minn meta saret dik is-seduta u l-access fl-istess jum fil-25 ta' Jannar 1997 u d-data meta l-perit tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu oltre sena wara fil-21 ta' Frar 1998. Mhux biss. Meta l-perit tekniku kif awtorizzat halef ir-relazzjoni tieghu fir-Registru ta' Malta u l-kawza kienet imqeghda ghas-smiegh quddiem il-Qorti tal-Prim'istanza fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 1998, allura hdax-il xahar wara l-prezentata tar-rapport, gie verbalizzat illi "deher ukoll Dr. Carmel Galea ghall-konvenut li ddikjara li huwa avza lill-konvenut bil-fatt li r-rapport gie pprezentat u mahluf u talbu jikkomunika mieghu izda ma rcieva l-ebda risposta". Kien ghalhekk illi Dr. Grezzju Mercieca ghall-attur talab li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghal dan il-fini ghall-1 ta' Gunju 1989 u cioe' ghal sitt xhur wara. Hu notat illi l-appellant mhux biss ma talabx li jeskuti l-perit tekniku kif kellu dritt jaghmel skond il-ligi tal-procedura imma lanqas talab li jigu nominati periti addizzjonali biex jivverifikaw l-operat tal-ewwel perit. Ma ghamel l-ebda tentattiv biex jittratta l-kawza la oralment u lanqas permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet u halla kollox ikaxkar sa ftit granet qabel il-jum li fih kellha tinghata s-sentenza.

Fis-27 ta' Mejju 1999 ipprezenta rikors fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghax ma kienx gie moghti l-opportunita' illi jressaq il-provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu u dana in vjolazzjoni tal-principju audi alteram partem. Bil-wicc tost kollu talab li l-Qorti tisfilza r-rapport tal-perit tekniku stante li dan kien ibbazat fuq il-provi ta' parti wahda biss fil-kawza u li tawtorizzah – wara tlettax-il sena – illi jibda jressaq il-provi tieghu direttament quddiem il-Qorti. Talba din li l-ewwel Qorti gjustament cahdet bil-motivazzjoni illi l-appellant kellu kull opportunita' jikkontesta r-rapport peritali fil-mument opportun meta dan gie pprezentat lill-Qorti u mhux joqghod jistenna sa lejliet il-gurnata illi fiha kellha tinghata s-sentenza biex jipprezenta rikors u dana tenut kont li l-kawza kienet gja' ilha pendenti 'il fuq minn hdax-il sena.

Din il-Qorti hadet il-briga li telenka diversi incidenti – hemm hafna ohrajn – li jillustraw l-atteggjament ghal kollox negattiv u auto-leziv irresponsabbli da parti tal-appellant ghaliex dawn fil-fehma taghha mhux biss jixhdu illi l-komportament tieghu kien jirrazenta d-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti imma wkoll ghaliex wahdehom ixejnu kull aggravju frivolu u vessatorju u fil-fehma tal-Qorti sfaccat li jipprova jaddebita xi nuqqas da parti tal-ewwel Qorti ta' imparzjalita' li setghet titwassal ghal lezjoni tal-jedd fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq. Fil-fehma ta' din il-Qorti smiegh xieraq l-appellant altru milli kellu. L-ewwel Qorti kienet aktar minn indulgenti fir-rigward tieghu u jekk naqset b'xi mod kien fil-fatt illi ttollerat izzejjed l-intricci u l-manuvri tal-appellant

biex il-jeddijiet gusti tal-appellat jigu ghal hafna snin negati. Dan l-aggravju anke kif inkwadrat b'disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u f'dik tal-Konvenzjoni Ewropeja qed jigi allura dikjarat frivolu u vessatorju u fir-rigward tieghu timmerita li din il-Qorti timponi s-sanzjoni ta' spejjez doppji. Il-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti ghal dan l-aggravju procedurali ma tistax tigi konkluza ahjar milli b'citazzjoni ta' dak li din l-istess Qorti rrimarkat fir-rigward tal-komportament tal-appellat f'sentenza taghha in parte tal-14 ta' Jannar 1993. "B'dan il-mod kif gab ruhu l-konvenut jirrizulta proceduralment frivolu fis-sens illi huwa mod nieqes mis-serjeta' b'komportament legger fil-konfront tal-procediment gjudizzjarju". Kumment gust minn din il-Qorti diversament preseduta illi din il-Qorti kif preseduta pienament tikkondividi in kwantu jirrifletti l-komportament tal-appellant fis-snin ta' wara li nghatat dik is-sentenza in parte u nonostante c-canfira meritata wkoll munita bis-sanzjoni tad-doppie spese. Dan l-aggravju allura ma jistax ma jigix rigettat.

## B. L-ECCEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI

L-appellant isostni li l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni t-tieghu illi t-talbiet attrici kienu preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili. Hu jibda bil-premessa stramba illi una volta hu ma jinghatax l-opportunita' li jixhed, kien jinkorri fuq l-attur li jipprova li l-ammonti minnu pretizi ma gewx preskritti. Dan mhux korrett gjuridikament. L-enunjazzjoni korretta kellha tkun illi una volta tinghata

l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, min jaghtiha kellu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u cioe' li kien bhala fatt iddekorra t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni. Altrimenti kien japplika l-principju "contra non valentem agere non currit prescriptio. Stabbilit dan kien imbaghad jispetta lill-attur illi jaghzel it-triq lilu miftuha bil-ligi biex jiddefendi ruhu kontra l-estinzjoni tal-azzjoni tieghu f'wiehed jew aktar mill-mezzi li l-ligi tqieghed ghad-disposizzjoni tieghu. Jigi premess qabel xejn illi certament mhix difiza ghall-appellant illi l-ewwel Qorti kellha b'xi mod tintervjeni biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu li fiz-zmien opportun jipproduci l-provi mehtiega anke fir-rigward ta' din l-eccezzjoni. Dwar dan din il-Qorti ma jehtigilha zzid xejn aktar minn dak li diga' inghad. Filwaqt li hu veru li kien l-attur li kellu l-oneru illi jipprova l-insostenibbilita' tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fil-konfront tieghu mill-konvenut u allura taht dan l-aspett kien jinkombi fuqu l-piz tal-prova, kien qabel xejn jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi t-terminu preskrittiv u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni.

Din il-prova kellha tirrizulta mill-atti quddiem l-ewwel Qorti u ma seghetx tigi mill-appellant arguwita quddiem din il-Qorti minn fatti li ma jirrizultawx provati. Issa kif inghad l-appellant ma pproduca l-ebda provi u konsegwentement hu seta' biss fir-rikors tal-appell tieghu jaghmel uzu

minn provi prodott mill-appellat in sostenn naturalment tat-talba tieghu izda tali prova ma setghatx tigi minnu kontetata quddiem din il-Qorti. Applikati dawn il-principji, din il-Qorti tirraviza biss is-segwenti elementi ta' prova li setghu jkunu utilizzati mill-appellant biex f'dan l-istadju jsostni liema kien il-mument li minnu seta' jitqies li beda jiddekorri fit-terminu preskrittiv ta' sentejn.

Jidher li l-appellant qed jistrieh fuq il-lista twila ta' inkarigi moghtija minnu mill-appellat liema lista tikkontjeni d-data meta kull inkarigu inghata. Jirrizulta provat illi kull inkarigu li ghalih l-appellat qed jippretendi l-hlas ghal servizzi professjonali inghatalu aktar minn sentejn qabel ma giet minnu ntavolata l-azzjoni. Minn din il-lista li ma hi bl-ebda mod kontestata mill-appellant u li zgur f'dan l-istadju ma jistax jikkontestaha jirrizultaw pero' elementi ohra ta' fatt rilevanti :-

(a) Minn 49 progett identifikat u kkwantifikat mill-appellat, jidher li hemm biss progett wiehed, dak bin-numru 49 li kien jirreferi ghal xoghol ezegwit f'Jannar 1987 – ic-citazzjoni giet intavolata f'Novembru 1988 – li kien jirreferi ghal servizzi li gew definittavament konkjuzi. Il-progetti l-ohra kollha kienu jirreferu ghal xogholijiet u inkarigi li dwarhom il-file kien ghadu ghal xi raguni jew ohra miftuh u jirreferu ghal progett li jew ghadu ma nbediex jew twaqqaf fin-nofs. Kien allura jispetta lill-appellant illi jaghmel prova certa minn meta nholqot l-obbligazzjoni da parti tieghu illi jhallas ghas-servizzi professjonali prestati mill-appellat. Kellu allura jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti konklussivament meta

sehhet ic-cirkostanza jew li hu ttermina l-inkarigu lill-appellat ghal kull wiehed minn dawn il-progetti jew meta l-appellat iddecieda li jirrinunzja ghal dan l-inkarigu. Kien biss meta tavvera ruhha xi wahda minn dawn iz-zewg eventwalijiet illi kienet tinholoq l-obbligazzjoni favur l-appellat li kienet azzjonabbli kontra l-appellant u li fir-rigward taghha setghet tiddekorri l-preskrizzjoni estintiva.

L-artikolu 2137 tal-Kap 13 jipprovdi illi "l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma tittiehed qis tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Dan il-fatt kif inghad kellu jigi stabbilit b'mod konkluziv minn min jeccepixxi l-preskrizzjoni u tali prova kif sewwa kkostatat l-ewwel Qorti l-appellant baqa' ma ghamilhiex. "La prescrizione delle azioni personali comincia dall'momento in qui le azioni nascono purche' e' egli in ragione della natura dell'azione che la legge la dichiara estinta ; dunque da quando vi e' azione li e' luogo a prescrizione e quando vi e' l'azione? L'azione e' il diritto ezercitato gudizialmente e il creditore puo agire gudizialmente dall'momento che l-obbligazione e nata …….. Da cio' il principio che il corso della prescrizione comincia con la nascita della obbligazione" (Laurent Diritto Civili Volum XXXII. Para. 16). "Jehtieg jigi ezaminat meta jista' jsir dan l-ezercizzju (ta' l-azzjoni). Dan iz-zmien skond id-dottrina hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali ……." (Volum XXXVII.ii.622).

(b) L-appellant qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni li taghlaq fil-perkors ta' sentejn prevista s-subinciz C tal-Artikolu 2149 fir-rigward ta' "l-azzjonijiet ……. ta' arkitetti u inginieri civili ….. ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu". L-appellant jargumenta illi jekk iz-zmien preskrittiv ma jistax jiddekorri ghax ix-xoghol kien ghadu mhux lest, l-appellant ma setax jippretendi l-hlas ta' xoghol li kien ghadu pendenti. Argument dan li ma jregix proprju ghaliex hu stabbilit mill-provi illi f'data vicina ghal meta l-attur ipproceda kontra l-konvenut, dan tal-ahhar kien issospendielu l-inkarigu tax-xogholijiet kollha f'idejh u effettivament qabbad arkitett iehor minfloku. Certament allura minn dakinhar il-mandat professjonali ta' fiducja bejn l-appellant u l-appellat intemm u dan wahdu kien jintitola lill-appellat illi minn dak in-nhar jezigi pagament ghax-xoghol minnu sa dakinhar ezegwit. Lanqas hi f'postha s-sottomissjoni tal-appellant illi kien applikabbli ghall-kaz l-Artikolu 2151, subinciz 1 tal-Kodici Civili, li jipprovdi illi l-preskrizzjoni dejjem tiddekorri ghad li jkun hemm kontinwazzjoni ta' servizzi jew qadi iehor. Dan ghaliex f'dan il-kaz non si tratta ta' kontinwazzjoni ta' servizzi differenti fiz-zmien ezegwiti b'inkarigu mitmum imma ta' servizzi professjonali li kienu ghadhom koperti bl-inkarigu tal-mandat u li kienu ghadhom miftuha ghall-istruzzjonijiet li kellhom jinghataw lill-mandatarju. Ma kienx allura korrett li jinghad illi l-fatt li per ezempju l-appellant kien lesta xi pjanti ghall-progett li l-appellant kien ghadu intenzjonat li jezegwixxi kien ifisser illi l-appellat qua perit kien jippregudika d-dritt li jithallas taghhom

jekk ikun iddekorra t-terminu ta' sentejn minn fuqhom u l-progett ikun ghadu ma tlestiex.

Dawn il-konsiderazzjonijiet wehedhom huma bizzejjed biex jinnewtralizzaw l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni moghtija mill-appellant. Dan apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-Qorti taccenna ghalihom imma li forsi ma jehtigilhiex tinoltra ruhha fihom. Dawn jinkludu :-

(a) Il-fatt illi l-istess appellant isostni illi hu hallas akkonti tal-ammont pretiz mill-appellat liema akkonti ma jirrizultax li huma bi hlas ghal xi partita partikolari u allura kellhom jitqiesu li kienu mhallsa akkont ta' dak kollu li kien qed jippretendi l-appellat. Tali pagament allura seta' jitqies li kien att interruttiv tal-perjodu preskrittiv ; u

(b) L-eccezzjoni tal-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u <u>mhux dovut lilu fl-ammont minnu mitlub</u>, hi inkonsistenti mal-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li kontestazzjoni tal-quantum ; u

(c) Il-kontestazzjoni tal-appellant illi "isegwi li s-somma li l-appellat qieghed jitlob hija s-somma li se mai kienet tkun dovuta lilu kieku huwa qatt ma kien thallas xejn ………. anke kieku l-attur thallas biss hames centezmi, l-Qorti xorta ma tistax tiddeciedi li tih l-ammont kollu mitlub

fic-citazzjoni, ahseb u ara meta l-flus li hu rcieva "akkont" kienu jirrisalu ghall-ammonti kbar ta' liri …… (imhallsa mill-appellant)", kienet in effetti tammonta ghall-eccezzjoni ta' tpacija in toto jew in parte. Eccezzjoni din li wkoll tinnewtralizza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

"L-eccezzjoni tal-kompensazzjoni jekk tinghata wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni tikkostitwixxi rinunzja tacita ghall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Xejn ma jiswa li l-kompensazzjoni tigi opposta in subordine u bla pregudizzju tal-preskrizzjoni ghax bil-fatt tieghu stess, il-konvenut li jeccepixxi l-kompensazzjoni jigi li irrinunzja ghall-preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b'semplici rizerva." (Volum XXXII.i.639 ; Volum XXXIV.i.326 ; Volum XXX.i.964 u Volum XLIV.ii.519 fost ohrajn). "La compensazione e' una specie di pagamento e non si paga un debito quando lo si vuol lasciare prescrivere" (Trolong Prescrizione, para. 66 u 618 (8)).

Ghalhekk filwaqt li gie ritenut illi l-eccezzjoni tal-pagament ma kienitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illi "hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni" (Volum XXX.i. 964). L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni avanzata mill-appellant qed tigi wkoll ghalhekk michuda.

Din il-Qorti tirrigetta wkoll, anke taht dan l-aspett, is-sottomissjoni tieghu illi hu gie b'xi mod zvantaggjat minhabba l-fatt illi l-Qorti ma kellhiex quddiemha l-kwadru kollu tal-fatti kif, skond hu, kellhom jirrizultaw pro-rati. Nuqqas tal-provi da parti tieghu kellu jirrispondi ghaliha l-appellant biss. Imputet sibi. Konsiderazzjoni din li tapplika wkoll ghall-aggravji ohra imqanqla fir-rikors tal-appell fosthom dik illi xi parti mill-kontijiet pretizi ghas-servizzi professjonali mill-appellat kienu se mai dovuti minn terzi, wkoll involuti fil-progetti, jew li l-ammonti pretizi kienu ezagerati. F'dan ir-rigward xejn ma hemm fl-atti illi jista' jissufraga l-allegazzjonijiet tal-appellant. L-appell allura jirrizulta infondat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-appell kif propost mill-appellant u tikkonferma in toto s-sentenza appellata. L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-appellant.

Dep/Reg

mg